MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2004

Talba Numru. 201/2004

**Waterserv Malta Limited**

**vs**

**Geranzio Azzopardi**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-23 ta’ Jannar 2004 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannata ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ sitta u erbghin lira Maltin u tlieta u tletin centezmu (Lm46.33) rapprezentanti hlas ghal rimi ta’ skart mill-konvenut f’barrieri f’Hal-Kirkop, f’Lapsi u fil-Fawwara fix-xhur ta’ Lulju u Settembru tas-sena elfejn u tlieta (2003), liema somma l-konvenut naqas milli jhallas, oltre l-imghax fuq l-istess ammont mill-1 ta’ Ottubru 2003 sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut, inkluz dawk tal-ittra bonarja tat-28 ta’ Novembru 2003, li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ sitta u erbghin lira Maltin u tlieta u tletin centezmu (Lm46.33) bl-imghax fuq l-istess ammont mill-1 t’Ottubru 2003 sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjes ta’ din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------